MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Numru 20/2011

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża Numru 20/2011 li biha l-akkuzat Charles Ryan Vella [detentur tal-karta tal-identita` numru 488688(M)] gie akkuzat talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010), l-pulizija ġew infurmati minn Maria Muscat nee Briffa li hi kienet ġiet aggredita minn żewġ persuni fejn kien sar tentattiv biex jittieħdilha l-ġiżirana li kienet liebsa f'għonqa dak il-ħin. Hi filfatt stqarret li fil-kors ta' dan it-tentattiv subiet ħsarat f'din il-ġiżirana u di piu hi soffriet ukoll ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tagħha kif debitament iċċertifikat. Matul l-investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li dawn il-persuni involuti f'dan ir-reat kienu l-akkużati Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius.

Illi rriżulta li dakinhar tat-22 ta' Awwssu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tal-bejn il-ħamsa u s-sitta ta'

wara nofs inhar (5:00pm – 6:00pm ċirka), Maria Muscat, mara ta’ ħamsa u sittin sena (65), kienet bilqegħda fi Pjazza fil-belt Valletta fejn innutat lill-akkużati jduru l-akkwati għal madwar għoxrin minuta (20). Hi minn hemmhekk qasmet għal fuq mejda ta’ Café Cordina u wara madwar ħames minuti l-akkużati Vella u Agius aggredew lil Maria Muscat nee Briffa u bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta’ serq aggravat urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-eżekużżjoni tad-dellitt billi ġubdulha l-ġiżirana tad-deheb li hi kienet liebsa dak il-ħin. Filfatt din il-ġiżirana tqaċċtet minn fuq il-persuna tal-vittma u hi sfat mitfugħa mal-art bis-siġġu b’kollox fejn sofriet ferita gravi f’minkbejha apparti tbenġil fil-parti leminija ta’ ġisimha.

Illi jirriżulta li l-vittma fil-kors ta’ dan it-tentattiv ta’ serq, affaċjat lill-akkużati u b’hekk l-malviventi telqu jiġru minn fuq il-post dak il-ħin. Hi filfatt kienet f’posizzjoni li tagħraf liż-żewġ akkużati u tidentifikhom skond il-liġi bħala l-individwi li kkomettew dan it-tentattiv fuqha u fuq il-propjeta` tagħha. Fortunatament, il-ġiżirana waqgħet mal-art u għalhekk minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta tal-akkużati r-reat ta’ serq aggravat ma ġiex eżegwit. Di piu li kieku dan id-dellitt ġie eżegwit kien ikun aggravat bil-valur tal-ħaġa misruqa li teżorbita l-ammont ta’ mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u bil-vjolenża kontra l-persuna ta’ Maria Muscat.

Illi b’għemilhom Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius saru ħatja li fit-22 ta’ Awwissu 2010, fil-Belt Valletta, fil-ħinijiet indikati, bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta’ serq ta’ ġiżirana minn fuq il-persuna ta’ Maria Muscat nee` Briffa, mara ta’ l-fuq minn sittin (60) sena, wrew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta’ dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta’ tagħhom u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenża, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta’ sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta’ mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda

ma jiskorrix l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Charles Ryan Vella u lil Christopher Philip Agius ħatja ta’ bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta’ serq ta’ ġiżirana minn fuq il-persuna ta’ Maria Muscat nee` Briffa, mara ta’ l-fuq minn sittin (60) sena, wrew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta’ dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta` tagħhom u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta’ sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta’ mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta’ priġunerija ta’ mhux iktar minn tletin sena (30) iżda mhux inqas minn sitt snin priġunerija (6) kull wieħed skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(b)(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużati.

U peress illi l-imsemmi akkużat Christopher Philip Agius kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta’ April tas-sena elfejn għaxra (2010), talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta’ l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel kap ta’ din l-att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta’ bejn il-ħamsa u s-sitta ta’ wara nofs in-nhar (5:00pm-6:00pm ċirka) ġewwa l-Belt Valletta, l-akkużati volontarjament użaw vjolenża waqt l-aggressjoni fuq il-persuna ta’ Maria Muscat nee` Briffa, u dan sabiex jippruvaw jisirqulha l-ġiżirana tad-

deheb li hi kienet liebsa dak il-ħin stess. Illi b'riżultat ta' din il-vjolenza, Maria Muscat nee` Briffa, ġiet ċċertifikata li qed tbagħti minn ġrieħi ta' natura gravi li ġew ikkawżati meta l-aggressuri u ċioe` l-akkużati kienu qedgħin jissarraw mal-vittmi bl-intendiment li joħdulha l-ġiżirana li filfatt tqaċċtet minn mal-persuna tagħha.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius saru ħatja talli, kkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġunaw jew x'aktarx ikkaġunaw debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, u liema persuna għalqet l-eta` ta' sittin sena.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius, ħatja talli, kkaġunaw ferita ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġunaw jew x'aktarx ikkaġunaw debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, u meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn tmientax il-xahar (18) u mhux iktar minn għoxrin sena (20) priġunerija kull wieħed skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 218(1)(a)(2), 222A, 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

U peress illi l-imsemmi akkużat Christopher Philip Agius kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta' April tas-sena elfejn għaxra (2010), talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa u

s-sitta ta' wara nofs in-nhar (5:00pm-6:00pm ċirka) ġewwa l-Belt Valletta, irriżulta li fil-kors tal-aggressjoni kontra l-persuna ta' Maria Muscat nee Briffa, l-akkużati volontarjament qaċċtu l-ġiżirana li kienet liebsa f'dak il-mument biex jippruvaw jisirquwielha minn fuqha, tant li b'riżultat din il-ġiżirana inkissret u ma tistax tissewwa. Il-valur tal-ġiżirana mkissra appartenenti lill-vittma kienet tammonta għal iktar minn mitejn Lira Maltin equivalenti għal madwar erba mija ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87).

Illi b'għemilhom l-imsemmija Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius saru ħatja talli volontarjament ħassru, għamel ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Charles Ryan Vella u Christopher Philip Agius, ħatja talli, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur (5) sa sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

U peress illi l-imsemmi Christopher Philip Agius kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta' April tas-sena elfejn għaxra (2010), talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

Rat l-eċċezzjonijiet li huma s-segwenti:

a. Illi l-artikoli tal-ligi, u l-konsegwenzjali piena li l-Avukat Generali qieghed iressaq il-quddiem kontra l-esponenti ma humiex dawk li japplikaw ghal kaz. Illi fil-ligi nostrana, l-principju legali *in dubbio pro reo*, dejjem gie osservat b'mod strett, pero` ma jidhirx li hekk ghamel l-Avukat Generali fil-kaz odjern.

Fl-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuza, l-Avukat Generali jiccita l-artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(b)(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 17, 20, 23, 31 u 533 ilkoll tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 261(a) jittratta s-serq aggravat bil-vjolenza hekk kif imfisser fl-artikolu 262. L-Avukat Generali ghazel li jimpingi fuq l-esponenti l-interpretazzjoni moghtija fl-artikolu 262(1)(b). Bid-dovut rispett dan ma setax isir stante li l-ebda xhud ma semma li l-malviventi kienu armati u lanqas ma jissema li l-malviventi kienu aktar minn tnejn. B'lealta` lejn dina l-Qorti, fix-xiehda taghha, Jennifer Mamo, li allegatament sofriet xi serq, tirreferi ghal tlett persuni fir-rakkont taghha, pero` fl-ewwel lok, l-esponenti ma huwiex akkuzat b'tali serq u fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal premess, hi tghid li kienet persuna wahda biss li haditilha l-basket u li t-tielet persuna li ma kinitx mall-halliiel, nezghet iz-zarbun u harbet tigri biex tipprova taqbad il-malviventi.

Ikompli ukoll l-Avukat Generali li jorbot l-artikolu 274(a) mal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Bl-akbar dovut rispett dan lanqas ma seta` jsir u dana minhabba l-fatt li l-offizi li allegatament sofriet Maria Muscat, *in pessima ipotesi, semmai* huma fir-relm tal-artikolu 216 u mhux fir-relm tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Din l-eccezzjoni ghandha tigi meqjusa li qed tingieb ukoll in konnessjoni mat-Tieni Kap.

Lanqas ma huwa korrett l-Avukat Generali meta jiccit al-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali *in vaccum* stante l-molteplicita` ta' sub-incizi li dan l-artikolu ghandu, b'mod partikolari meta dan l-Ewwel Kap jittratta akkuza wahda.

L-istess Avukat Generali jkompli jkaghbar lill-esponenti stante li fil-parti narrattiva tal-Ewwel Kap jishaq li tali serq huwa “tentattiv”, b’dana pero` li l-artikoli li jiccita huma ta’ delitt ikkunsmat, minghajr ma jsemmi u jiccita l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Il-konsegwenza fil-prattika ta’ dan in-nuqqas serjissmu tal-Avukat Generali tissarraf f’illi minhabba dan in-nuqqas qed tintalab piena ferm u ferm aktar oneruza milli l-kaz jimmerita.

Illi din l-eccezzjoni, fil-konfront kemm tal-Ewwel Kap, kif ukoll kif inghad aktar il-fuq in konfront tat-Tieni Kap tal-Att ta’ Akkuza, qed tingieb a bazi tal-artikolu 449(1)(b)(g) tal-Kodici Kriminali.

b. Illi minn kif inhuma intavolati l-ewwel zewgt kapi tal-Att ta’ Akkuza, l-esponenti, jekk jinsab hati tal-ewwel zewgt Kapi tal-Att ta’ Akkuza, effettivament fil-mument li jinghata piena kemm ghall-Ewwel Kap kif ukoll ghat-Tieni Kap huwa jigi li jkun instab hati ta’ zewg delitti naxxenti mill-istess fatt.

Huwa minnu li skond il-ligi taghna att uniku jista` jaghti lok ghal ksur ta’ aktar minn disposizzjoni wahda mal-ligi u ghalhekk l-artikolu 17 tal-Kodici Penali. Madankollu, fil-kaz odjern l-artikolu 17 ma huwiex applikabbli. Fil-kaz odjern, ir-reat principali huwa ta’ serq aggravat *inter alia* bil-vjolenza bi ksur tal-artikolu 262 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana, meta l-att vjolenti ikun tant intimament konness mar-reat tas-serq, tali vjolenza ghandha tigi kunsidrata bhala haga wahda fis-sens li l-att ikun jikkostitwixxi cirkostanza aggravanti tar-reat tas-serq.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, kif ukoll tal-fatt illi l-istess Avukat Generali fil-parti narrattiva tal-ewwel zewgt Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza qieghed jirrikonoxxi li l-vjolenza hija intimament konnessa mas-serq, l-esponenti qieghed jecepixxi n-nullita` tat-Tieni Kap tal-Att ta’ Akkuza.

Din l-eccezzjoni qed tingieb a tenur tal-artikolu 449(1)(b)(g) tal-Kodici Kriminali.

Subordinatament, l-esponenti jitlob illi f'kaz ta' htija taht l-ewwel zewgt Kapi tal-Att ta' Akkuza, iz-zewgt atti jigu amalgamati flimkien u tinghata piena wahda tas-serq aggravata bil-vjolenza konsistenti f'offiza fuq il-persuna.

c. Illi l-principju *in dubbio pro reo,* jkompli jigi minsi mill-Avukat Generali, anke fit-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuza odjern.

B'dana illi meta x-xhieda ta' Maria Muscat tigi meqjusa, fl-intier taghha, jemergi bic-car li l-griehi li hija sofriet zgur mhux forsi ma kienux intenzjonati. Filwaqt li huwa mifhum li l-Avukat Generali jista` jargumenta li din il-vertenza ghandha tigi deciza mill-Qorti Kriminali, bid-dovut rispett, l-applikazzjoni tal-principju citat, ghandha tissarraf f'illi l-akkuza fit-Tieni Kap tkun dik kontemplata fl-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Di piu` l-istess Avukat Generali, bil-kliem *"bl-intendiment li johdulha l-gizirana li fil-fatt tqacctet minn mal-persuna taghha",* jaccetta hu stess li l-intenzjoni tal-allegati aggressuri kienet li jehdulha l-gizirana biss.

Din l-eccezzjoni qed tingieb minghajr pregudizzju ghat-tieni aggravju supra u fid-dawl tal-artikolu 449(1)(b)(f)(g) tal-Kodici Kriminali.

d. Illi l-principju *in dubbio pro reo,* jkompli jigi minsi mill-Avukat Generali, anke fit-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuza odjern.

Fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, jemergi bic-car li l-Avukat Generali ma ta widen xejn lix-xhieda ta' Maria Muscat u dana stante li hija fil-kors tax-xhieda taghha tgharaf min hatfilha l-gizirana u cioe` terz li ma huwiex l-esponenti. Ghaldaqstant l-Avukat Generali kellu l-obbligu kemm legali kif ukoll morali li, jispecifika, mhux biss f'dan il-kaz minn kien l-awtur u semmai l-komplici (dejjem jekk l-elementi ta' l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jissussistu) izda li min gibed il-gizirana jsemmiegh b'ismu. Li ma huwiex l-esponenti.

Din l-eccezzjoni qed tinghata fid-dawl tal-artikolu 449(1), 449(1)(b)(f)(g) tal-Kodici Kriminali.

e. Illi x-xhieda ta’ Dr. Paul Scarrow MD ma hijiex ammissibbli stante li giet moghtija bil-lingwa Ingliza u li l-esponenti ma jifhimx bil-lingwa Ingliza. Ghandu jigi rilevat kif minkejja ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, tali xhieda qatt ma giet tradotta ghall-Ingliz. L-importanza li xhud jixhed b’lingwa li jifhem l-akkuzat, temergi mil-kazistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar kif gie interpretat l-artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni. Din l-eccezzjoni qed tinghata sabiex fl-eventwalita` li jkun irid jigi applikat il-proviso tal-artikolu 646(2) tal-Kodici Kriminali, minn issa tkun qed tigi registrata l-oppozizzjoni necessarja tal-esponenti kemm ghal produzzjoni ta’ tali xhieda, kif ukoll ghall-applikazzjoni tal-artikolu 646(2) tal-Kodici Kriminali.

Din l-eccezzjoni qed tinghata fid-dawl tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

f. Illi d-depozizzjoni tax-xhud Jennifer Mamo moghtija nhar it-3 ta’ Settembru 2010 ma hijiex ammissibbli skond il-ligi.

Din l-eccezzjoni qed tinghata fid-dawl tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

g. Illi l-identifikazzjoni tal-esponenti fl-ID parade ma hijiex ammissibbli skond il-ligi. Mill-mod kif tmexxiet l-ID parade hemm nuqqasijiet serjissimi li joholqu pregudizzju fil-konfront tal-esponenti u jimpingu serjament fuq l-attendibilita` ta’ l-identifikazzjoni. Fl-ewwel lok, mir-relazzjoni ta’ PS 612 Theo Vella, jidher li z-zewg allegati vittmi Jennifer Mamo u Maria Muscat kienu t-tnejn li huma flimkien ghall-ID parade li saret fl-24 ta’ Awwissu 2010, b’dan li huwa probbabli li x-xhieda influwenzaw lil xulxin fl-ghazla taghhom. Fit-tieni lok, jekk wiehed jara l-persuni l-ohra fil-line up tal-ID parade li fih kien hemm l-esponenti huwa altru minn ovvju li l-persuni l-ohra ma kellhom xejn x’jixxiehbu mal-esponenti u dan specjalment fejn si tratta ta’ eta`, karnaggjon u xaghar, b’dan li ghalhekk, ic-

cirkostanzi kienu tali li l-esponenti kellu r-rifletturi kollha mixghula fuqu ad eskluzzjoni tal-persuni l-ohra kollha li ppartecipaw fl-ID parade in kwistjoni..

Huwa principju sancit fil-gurisprudenza nostrana, li ghalkemm ma ghandniex legislazzjoni *ad hoc* ghal identifikazzjoni ta’ persuni suspettati, madankollu l-principji bazilari fosthom li : x-xhieda ghalndhom jaslu ghall-identifikazzjoni tal-persuna suspettata wehidhom u mhux fil-presenza ta’ xhieda ohra, xhud ma ghandu jkun bl-ebda mod gwidat jew moghti suggerimenti izda ghandu jithalla jaghmel l-ghazla tieghu wahdu u minghajr ghajnuna, u li l-persuni fl-ID parade jridu jkunu jixbhu lis-suspettat kemm jista` jkun possibbli fl-eta`, tul, apparenza generali u posizzjoni fil-hajja, huma regoli ta’ prudenza u buon sens li ghandhom jigu osservati sabie xl-identifikazzjoni tkun wahda attendibbli u l-imputat ikollu smiegh xieraq minghajr ebda pregudizzju.

Fil-kaz odjern dawn in-nuqqasijiet indikati supra huma serji u joholqu ingustizzja fil-konfront tal-esponenti u ghaldaqstant id-dokument TVF1 ipprezentat minn PS 612 Theo Vella u x-xhieda tal-istess PS 612 flimkien mad-dokumenti MCD 1 sa MCD 4 pprezentati mill-Ispettur M. Mallia dwar l-identifikazzjoni fl-ID parade huma inammissibbli.

Din l-eccezzjoni qed tinghata fid-dawl tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-26 ta’ Awwissu, 2011 a fol. 31 li biha b’referenza ghan-nota ta’ Christopher Philip Agius tal-24 ta’ Awwissu 2011, u notifikat lill-esponent fil-25 ta’ Awwissu, 2011, qed jaghti avviz ta’ l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta’ prova tax-xhieda elenkati min-numru (1) sa (7) kif indikati mid-difiza stante li minn imkien ma tidher li d-deposizzjoni taghhom tista` tkun relevanti ghall-mertu tal-kaz u dan peress illi fin-nuqqas ta’ l-oggett tal-prova li irid issir bih l-ammissibilita` o meno tieghu ma’ tirrizultax.

Illi fit-tieni lok l-esponent qed jaghti avviz ta’ l-eccezzjoni dwar il-prova ta’ Charles Ryan Vella specifikatament bhala xhud in difiza ta’ Christopher Philip Agius kif indikat u enumerat fin-numru (8) stante li kif inhu l-stat tal-proceduri prezentement, dan huwa mixli bhala ko-akkuzat mal-istess Christopher Philip Agius u fl-istess proceduri. Semmai ghandu jkollu dritt li jixhed bhala ko-akkuzat in difeza tieghu stess u mhux jigi mixli fl-istess proceduri tieghu bhala xhud ukoll, u dan salv kull mistoqsijiet li jistghu isirulu mill-partijiet kollha fil-kawza u fl-istadju opportun skond in-natura tal-kaz waqt l-ezami jew kontro-ezami tax-xhieda tieghu bhala ko-akkuzat.

Rat il-korrezzjoni awtorizzata mid-Deputat Reġistratur sabiex ikun inserit l-artikolu 41(10(a) qabel l-artikolu 261(a)(ċ)

Rat r-rikors tal-Avukat Ġenerali tal-1 t’Awwissu, 2011 fejn talab korrezzjoni fl-Att tal-Akkuża u r-risposti miż-żewġ akkużati għar-rikors fejn huma ma oġġezzjenawx għal tali korrezzjoni.

Rat id-digriet tagħha tal-24 t’Awwissu, 2011 li fih laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali u għalhekk qed tawtorizza li jsir il-bdil indikat fl-istess rikors a fol 12 jiġifieri li:

**‘Fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża fit-tieni paragrafu tiegħu wara l-kliem ‘saru ħatja talli’ u fl-istess mod fit-tielet paragrafu tal-istess Kap wara l-frażi ‘ħatja talli’ tiżdied il-frażi ‘mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdu l-ħajja ta’ Maria Muscat nee Briffa f’perikolu ċar’**

Rat id-digriet li fih il-Qorti laqgħet it-talba tal-akkużat sabiex il-ġuri jintema’ mingħajr ġurati ġaladarba l-piena ma twassalx għall-priġunerija għall-għomor u li konsegwentement għandu jkun hemm separazzjoni tal-ġudizzju ( 7 ta’ Novembru 2011) (fol 48)

**L-ewwel Eċċezzjoni (dik immarkata (a))**

(i) Ir-rikorrent jissottometti li mkien ma hemm provi li l-malviventi kienu iktar minn tnejn jew li kienu armati. Isegwi li m’għandux japplika l-artikolu 262(1) (b) tal-Kap 9.

Fit-trattazzjoni l-Prosekutriċi kkonċediet li l-paragrafu (b) tas-subinċiż (1) tal-artikolu 262 jista' jaqa'.

**Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din il-parti tal-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni u qed tordna li r-referenza għall-paragrafu (b) tal-artikolu 262 tal-Kap 9 għandha titneħħa.**

(ii) Ir-rikorrent jissottometti wkoll li l-offiżi sofferti mill-allegata vittma qatt ma kienu jammontaw għal dawk li jaqgħu taħt l-artikolu 218. Fl-artikolu 274(a) hemm referenza għall-artikolu 218. Għalhekk dan l-artikolu għandu jitneħħa.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li hija kienet qieset dak li jiddisponi l-artikolu 262 (2) tal-Kap 9 li jiftaħ sew meta r-reat ta' serq jista' jitqies li għandu l-gravanti tal-vjolenza. Barra dan l-artikolu 218 (2) jiddisponi li:

'(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.'

**Il-Qorti mhix tilqa' din il-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni ( li kellha tgħodd ukoll għat-tieni Kap tal-Att tal-Akkuża) minħabba li jekk l-offiża hix gravi jew le –kemm jekk fil-fatt hix hekk jew 'jekk x'aktarx ikun hekk'- trid tkun deċiża waqt il-ġuri. Il-ġurati jew jistgħu ma jsibu ebda ħtija, jew ħtija fuq skont l-artikolu 274(a) jew ħtija ta' xi reat iżgħar iżda li jkun kompriż u involut fl-akkuża.**

(iii) Ir-rikorrent jissottometti wkoll li l-Avukat Ġenerali jiċċita wkoll l-artikolu 17 tal-Kap 9 'in vacuum' meta wieħed iqis id-diversi subinċiżi.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni ma semmitx subinċiżi għax din hija materja f'idejn il-Qorti.

Il-Qorti nnutat li l-Avukat Ġenerali bħala regola jinkludi l-artikolu 17 tal-Kap 9. Il-Qorti trid tara l-verdett li joħorġu

bih il-ġurati u tapplika dawk is-subinċiżi tal-artikolu 17 (jekk ikun hemm il-ħtieġa) hija u tagħti s-sentenza.

**Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tilqa' din it-tielet parti tal-ewwel eċċezzjoni.**

(iv) Ir-rikorrent jissottometti wkoll li l-Avukat Ġenerali naqas li jindika l-artikolu 41(1)(a) tal-kap 9 meta dan huwa każ ta' tentattiv.

**Il-Qorti qed tilqa' din ir-raba' parti tal-ewel eċċezzjoni u effettivament dan l-artikolu jidher diġa' kien inserit. Il-piena mitluba għandha tirrifletti l-inklużjoni ta' dan l-artikolu.**

**It-Tieni Eċċezzjoni (dik mmarkata (b))**

Din ġiet irtirata fis-seduta tat-8 t'Ottubru, 2012. Għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha. Iżda matul it-trattazzjoni sar dan il-verbal:

**L-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-eċċezzjoni (b) jissottometti li fl-eventwalita' ta' sejbien ta' ħtija taħt l-ewwel kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, it-tieni Kap jiġi assorbit fl-ewwel kap u dan in vista tal-aggravju tal-vjolenza assoċjata mal-ewwel akkuża.**

**It-Tielet Eċċezzjoni (dik immarkata (ċ))**

Id-difiża qegħda tissottmetti li l-ġrieħi li sofriet Maria Muscat ma kinux intenzjonati. Għalhekk għandu jkun applikat il-prinċipju 'in dubio pro reo'. Id-difiża kkwotat il-frażi 'bl-intendiment li jeħdulha l-ġiżirana li filfatt tqaċċtet minn mal-persuna tagħha'. Din il-frażi turi li l-intenzjoni tal-aggressuri kienet li jeħdulha l-ġiżirna biss.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li jekk kienx hemm l-intenzjoni li ssir ferita gravi jew le hija kwistjoni li trid tkun riżolta waqt il-ġuri mill-ġudikant waħdu, ġaladarba saret din l-għażla, jew mill-ġurati kieku saret l-għażla alternattiva.

Ikkonsidrat

Li din l-eċċezzjoni hija dwar il-kontenut tat-tieni kap tal-akkuża li huwa dwar akkuża ta' ferita gravissima għax huwa indikat l-artikolu 218. Fil-fehma tal-Qorti il-kwistjonijiet (i) jekk saritx ferita gravi jew gravissima u (ii) jekk kienx hemm l-intenzjoni li ssir ferita gravi fuq il-vittma kollha jridu jkunu riżolti waqt il-ġuri. Dan jgħodd aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra l-kliem użat fl-ewwel Kap tal-Att tal-akkuża.

Hawn mhux il-kwistjoni ta' in dubio pro reo. Hawn huwa każ ta' espożizzjoni tal-fatti u għalxiex jistgħu iwasslu.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni mmarkata (ċ).**

**Ir-raba' eċċezzjoni (dik immarkata (d))**

Din l-eċċezzjoni għandha x'taqsma mat-tielet Kap tal-Att tal-Akkuża. Id-difiża tissottometti li l-Avukat Ġenerali jmissu indika l-persuna li ħatfet il-ġiżirana għax dan kien terz li mhux l-akkużat. Saret ukoll referenza għas-sentenza 'Ir-Repubbblika ta' Malta vs Joseph sive Josef Grech' fejn l-Avukat Ġenerali ingħata ċerta direzzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-vittma ma tafx min ġibdilha l-ġiżirana.

**Il-Qorti qed tiddeċiedi billi tiċħad din l-eċċezzjoni għal żewġ raġunijiet:**

**(i) L-ewwelnett għaliex m' hemm ebda obbligu fil-Liġi li l-Avukat Ġenerali bilfors irid isemmi l-ismijiet.**

**(ii) Barra dan, jekk il-vittma ma tafx min ġibed il-ġiżirana, jsegwi li *f'dan il-każ* (u kull każ għandu storja għalih) l-Avukat Ġenerali ma jistax jagħti dan id-dettal b'ċertezza.**

**(e) Il-ħames eċċezzjoni ( dik immarkata (e)). – L-użu tal-lingwa Ingliża.**

Din il-Qorti kif preseduta daħlet fil-fond fuq kwistjonijiet tal-użu tal-Lingwa Ingliża jew tal-Malti f'deċiżjoni li tat fl-4 t'Ottubru tas-sena 2011 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Adele Marianna Creta'. Frankament din il-Qorti ma tarax gala għandu jkun hemm nullita' minħabba l-użu tal-lingwa Ingliża f'pajjżi fejn il-Liġijiet isiru bl-Ingliż u bil-Malti u f'xi wħud minnhom saħansitra jingħad li fejn hemm nuqqas ta' qbil huwa t-test Ingliż li għandu jipprevali.

Skont il-verbal ma jirriżultax li r-rikorrent ma jafx bl-Ingliż. Iżda wkoll jekk dan huwa l-każ, waqt is-smigħ tal-ġuri, jekk tinħass il-ħtieġa li r-rikorrent jista' jifhem aħjar bil-Malti jkun maħtur traduttur biex jaqleb mill-Ingliż għall-Malti.

Jekk ikun hemm bżonn li jkun applikat l-artikolu 646(2) tal-Kap 9, għal darb'oħra qed jingħad li, jekk ikun hemm bżonn, jinħatar traduttur biex jagħmel it-traduzzjoni li tkun meġtieġa.

**Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li x-xhieda ta' Dr.Paul Scarrow MD hija ammissibbli u għalhekk qed tiċħad il-ħames eċċezzjoni tar-rikorrent.**

**Is-Sitt Eċċezzjoni (dik immarkata (f))**

Din ġiet irtirata fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2012.

**Għalhekk il-Qorti mhix qed tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni.**

**Is-Seba' Eċċezzjoni (dik immarkata g)**

Il-Qorti ma sabet ebda rregolarita' fl-ID parade. Ma teżisti tebda regola li l-persuna li tidentifika oħra trid tkun weħidha. L-importanti hu li kulħadd jasal għall-konklużjoni tiegħu skont dak li ra hu. Iżda fuq kollox ma jidhirx li ż-żewġ allegati vittmi kienu flimkien. Id-difiża qed tagħmel

spekulazzjonijiet dwar il-possibilita' ta' suġġerimenti bejn iż-żewġ vittmi li ma jirriżultawx mill-provi.  Fuq kollox, l-ID parade saret fil-preżenza ta' Maġistrat li żgur ħa l-passi kollha biex l-ID parade issir bil-fier.

Dwar ix-xebh li għandu jkun hemm bejn is-suspettat u l-persuni l-oħra li jkunu fl-ID parade, jirriżulta mill-atti li sar dak kollu possibbli biex ikun hemm dan ix-xebh fil-limitazzjoni ta' popolazzjoni żgħira bħalma hi dik Maltija.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din is-seba' eċċezzjoni.**

Rat ukoll in-Nota tal-Avukat Ġenerali a fol 26 fejn oġġezzjoni għax-xhud Christopher Philip Agius bħala xhud in difiża ta' Charles Ryan Vella.  Il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni u għalhekk mhix tqis lil dan ix-xhud indikat mid-difiża bħala xhud ammissibbli sakemm il-proċeduri kontra Christopher Philip Agius ikunu għadhom pendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------